# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 28 TA' JANNAR 2021**

**Kawza Numru: 5K**

**Rik. Kost. 158/2019**

**Giovanna Antida Grech**
**Louise Frendo**
**Bernice Said**

**vs.**

**L-Avukat Generali illum**
**'Avukat tal-Istat' zieda awtorizzata**
**b'digriet tas-6 ta' Frar, 2020**

**Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern**
**Lokali u b'digriet tal-4 ta' Settembru**
**2019 gie ammess in statu et terminis Etienne**
**Bartolo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Giovanna Antida Grech** pprezentat fid-29 ta' Awwissu, 2019 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

Illi l-esponenti jigu omm u l-ahwa ta' Roderick Grech li kien safa maqtul minn Etienne Bartolo gewwa Birkirkara permezz ta' daqqiet ta' sikkina. Illi nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien tressaq il-Qorti b'arrest Etienne Bartolo akkuzat bl-omicidju tal-istess Roderick Grech liema proceduri kriminali jinsabu prezentament fl-istadju ta' guri fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Bartolo [Att ta' Akkuza Numru 4/2019] liema guri jinsab appuntat ghat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019).

Illi sa mill-ewwel udjenza tal-proceduri kriminali surreferiti huma kienu debitament rapprezetati skont il-Ligi, bhala parte civile, u li prezentament huma ammessi bhala parte civile quddiem il-Qorti Kriminali fil-proceduri ta' guri skedati li jibdew dalwaqt.

Illi wara li nghalqet il-kumpilazzjoni u nhareg l-att tal-akkuza, huma qatt ma gew formalment notifikati la bid-data tas-smiegh tal-eccezzjonijiet preliminari u wisq anqas bid-data tal-appuntament tal-guri u saru jafu bid-data tal-guri minghand terzi persuni.

Illi f'dan il-kuntest l-esponenti qeghdin iressqu s-segwenti lanjanzi ta' natura kostituzzjonali:

**1) Is-sehem tal-parti leza fil-gurijiet**

Illi l-Kodici Kriminali f'dak li jikkoncerna l-parte civile quddiem il-Qorti Kriminali mhux biss jista' jaghti lok ghal xi interpretazzjonijiet izda talli tezisti *lacuna* fejn jikkoncerna d-drittijiet u l-partecipazzjoni tal-parte civile

fl-istadju ta' guri stante li l-uniku artikolu tal-Ligi applikabbli huwa 490 (3) tal-Kodici Kriminali u dan ghad-differenza ta' dak li tistipula l-Ligi f'dak li jirrigwarda l-Qorti tal-Magistrati fejn japplika l-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali.

Illi in fatti l-Artikolu 410 tal-Kap 9 jistipula s-segwenti fuq id-drittijiet u r-rwol attiv, estensiv u ampju tal-parte civile fil-proceduri kriminali:

*(3) Fil-każijiet ta' proċeduri magħmulin mill-Pulizija ex officio, il-Pulizija u l-parti offiża jistgħu jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali,* ***illi jista' jagħmel eżami u kontro-eżami lix-xhieda, iġib provi u jagħmel, sabiex isaħħaħ l-akkuża, kull osservazzjoni oħra li l-qorti jidhrilha li tista' ssir skont il-liġi.***

Illi ghal kuntrarju fi stadju ta' guri l-partecipazzjoni tal-parte civile hija ferm limitata ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 490 tal-Kodici Kriminali li jistipula li l-parte civile ma tippartecipa fil-guri bl-ebda mod **hlief** fl-istadju avvanzat ta' wara li johrog il-verdett f'kaz ta' htija u dan billi jkollha dritt limitat li taghmel sottomissjonijiet dwar il-piena:

*(3) Parti offiża tista', b'rikors, titlob lill-Qorti Kriminali li tkun ammessa, sew personalment sew b'avukat, li tagħmel sottomissjonijiet dwar is-sentenza idonea li għandha tingħata lill- akkużat u jekk il-qorti tilqa' dak ir-rikors, il-parti offiża jew l- avukat tagħha jingħataw l-opportunità li jagħmlu dawk is- sottomissjonijiet fl-istadju msemmi fis-subartikolu (1) u qabel ma l-qorti ssaqsi lill-akkużat jekk ikunx irid jagħmel xi sottomissjoni dwar l-applikabilità tal-piena mitluba mill-Avukat Ġenerali:*

*Iżda jekk għal xi raġuni tkun li tkun il-parti offiża tonqos milli tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar is-sentenza kif imsemmi hawn aktar qabel, dan in-nuqqas ma għandux iżomm lill- qorti milli tkompli bis-smigħ jew milli tagħti s-sentenza kif provdut fl-artikolu 491.*

Illi stranament id-drittijiet u r-rwol attiv u estensiv tal-parte civile quddiem il-Qorti Magistatri fil-Ligi nostrana mhumiex estizi u applikabbli ghall-istadju ta' guri fejn normalment u tenut kont tal-pieni applikabbli u l-pregudizzju, danni, u telf sofferti mill-vittma huma ferm akbar u illi din id-distinzjoni hija ta' pregudizzju ghall-esponenti bejn ir-rwol tal-parte civile quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dak quddiem il-Qorti Kriminali oltre ksur ghal dritt ta' smiegh xieraq.

Illi sabiex jillustra dan il-punt wiehed jista' jgib bhala ezempju kaz ta' *hold up* [serq aggravat bi vjolenza] fejn jekk il-kaz jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati il-parte civile jkollha l-poteri u d-drittijiet kollha estensivi elenkati fl-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali **pero'** jekk mill-banda l-ohra jekk **l-istess kaz** ikun se jigi deciz mill-Qorti Kriminali hemmhekk il-parte civile huwa limitat enormement fir-rwol u l-partecipazzjoni tieghu skont l-Artikolu 490 tal-Kodici Kriminali surreferit.

Illi din il-partecipazzjoni limitata hafna ai termini 490 tal-Kap 9 tikser id-drittijiet fundamentali taghhom bhala parti leza fil-guri fl-ismijiet premessi hekk kif sanciti fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Illi ovvjament il-parti offiza ghandha kull interess u ghandha interess dirett u guridiku illi tkun involuta b'mod attiv fil-kors u fl-andament tal-guri u ghalhekk din il-limitazzjoni hija bi ksur tad-drittijiet tal-esponenti.

**2) Qorti Indipendenti u Imparzjali**

Illi bhala parte civile f'dawn il-proceduri oltre artikoli ohra huma jgawdu mill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanciti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni illi jipprovdi hekk:

*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.*

Illi l-esponenti jhossu illi huma fi stadju ta' Qorti Kriminali gew, qeghdin jigu u possibbilment jistghu jkomplu jigu ppregudikati minhabba n-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita' tal-Qorti u dan kif dimostrat f'diversi decizjonijiet li diga' tat il-Qorti u fatti ohra, oltre fatti li jinsabu fid-dominju pubbliku inkluz f'xhieda fil-Qorti, fatti rappurtati fil-media, u blogs. Illi ghaldaqstant l-esponent ihossu li huma soffrew, qed isofru u jistghu u se jkomplu jsofru ksur ghad-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq minhabba nuqqas tat-tharis tal-konvenzjoni.

Illi in fatti f'decizjonijiet illi inghataw mill-Qorti Kriminali gie adoperat ragunament kompletament zbaljat sabiex waslet ghal decizjoni kompletament erronja u zbaljata ibbazata fuq rekwiziti inezistenti fil-Ligi u li ma jirrizultaw mil-Ligi bl-ebda mod u liema decizjonijiet kienu ta' pregudizzju serju ghall-esponenti.

Illi f'dan il-kuntest issir referenza ghal diversi sentenzi tal-ECHR fosthom il-kaz **Worm vs. Austria** fejn il-Qorti Ewropea qalet hekk:

*The phrase "authority of the judiciary" includes, in particular, the notion that the courts are, and are accepted by the public at large as being, the proper forum for the settlement of legal disputes and for the determination of a person's guilt or innocence on a criminal charge; further, that the public at large have respect for and confidence in the courts' capacity to fulfil that function (ibid.,mutatis mutandis).*

*"Impartiality" normally denotes lack of prejudice or bias (see the Piersack v. Belgium judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 14, § 30). However, the Court has repeatedly held that what is at stake in maintaining the impartiality of the judiciary is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the accused, as far as criminal proceedings are concerned, and also in the public at large (see, mutatis mutandis, among many other authorities, the Fey v. Austria judgment of 24 February 1993, Series A no. 255-A, p. 12, § 30).*

Inoltre fil-kaz tal-Qorti Ewropea (GC) Micallef v Malta, il-Qorti approfondixxix it-testijiet ta` soggettivita` u oggettivita

*7. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, §45, Reports 1998-VIII)." (Ara f`dan l-istes sens Hauschildt vs Denmark" (1989) citat supra).*

**3) Is-Sistema tal-Gurati**

Illi l-esponenti jirrilevaw li filwaqt li s-sistema tal-guri komposta mill-Imhallef Togat u gurija popolari hija wahda tajba pero' fl-istess Sistema hemm elemeneti ta' procedura adoperata li tippregudika lill-esponenti milli jkollhom smiegh xieraq bhala parte civile fil-guri hawn surreferit u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 (1) in konnessjoni tal-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi fl-ewwel lok, jigi imsemmi l-fatt li l-gurati li jintghazlu permezz tal-procedura kif kontemplata fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn ma jircievu l-ebda forma ta' tahrig qabel ma huma jibdew jisimghu l-guri innifsu liema tahrig huwa necessarju stante l-importanza, in-natura u d-delikatezza tal-kazijiet illi jinstemghu f'sistema ta' gurijiet. Ghaldaqstant, meta akkuzat jew parte civile ghandu persuni li qeghdin jisimghu l-kaz fil-konfront taghhom, u li ma ghandhom l-ebda tahrig kif ghandhom jaslu ghall-htija, u jew in-nuqqas ta' htija tieghu, dan in-nuqqas ta' tahrig qieghed fih innisu jikser id-dritt fundamentali tal-akkuzat u/jew parte civile li jkollu l-kaz tieghu mismugh bl-aktar mod xieraq u imparzjali.

Illi filfatt, Malta huwa wiehed mill-unici pajjizi li lanqas biss hawn xi forma ta' procedura kif il-gurati ghandhom jithargu sabiex ikunu preparati biex isegwu l-guri, u barra minn hekk, biex jaslu jikkundannaw jew jilliberaw lill-akkuzat; u tant hu hekk li imkien fil-ligi Maltija ma hemm dettat li ghandu jsir tahrig lill-gurati, u lanqas biss ma ghandna prassi ta' dan;

Illi l-unika spjegazzjoni li jinghataw il-gurati huwa waqt l-indirizz tal-Imhallef, li jsir fl-ahhar tal-guri, wara li l-gurati ikunu semghu l-guri kollu, u liema indirizz huwa biss prassi fis-sistema Maltija;

Illi kif tenna l-Imhallef Anthony Borg Barthet, meta kien ghadu Avukat Generali;

'*Jurors don't have the experience to make certain decisions ... ... ... whenever a list of jurors is posted, we find a great number who don't want to do it, either because their lives are interrupted or simply because they don't think they are up to it.* […] *'the jury are not academically trained and can be taken emotionally.*'

Illi kemm fl-Istati Uniti u kif ukoll gewwa r-Renju Unit, qabel ma jibda jinstema l-guri, il-gurati jinghatu ktieb dwar l-irwol taghhom u sahansitra jintwerew *"introductory video"* fejn tigi spjegata l-procedura li ser ikunu se jghaddu minnha u l-principji legali necessarji;

Illi gewwa r-Renju Unit, il-gurati jitlaqqghu gol-*Juror Assembly area*, u filwaqt li l-process tal-guri jigi spjegat lilhom fid-dettall, wara dan kollu jigi muri lilhom filmat tal-process tal-guri kollu;

Illi dan kollu jwassal ghall-fattur iehor fis-sistema tal-guri f'Malta li jwassal ghall-ksur tad-dritt fundamentali tal-esponenti li jkollhom smiegh xieraq, u cioe' li l-gurati jaslu ghall-verdett minghajr ma huma jkollhom mistoqsijiet specifici sabiex jimxu maghhom. Illi filfatt, mhux talli l-indirizz tal-Imhallef huwa biss prassi f'Malta, izda talli anke' s-*sample verdicts* huma prassi;

Illi permezz tas-*sample verdict,* il-gurati ma humiex jimmotivaw ruhhom sabiex jaslu ghall-konkluzzjoni jekk l-akkuzat ghandux jinstab hati jew le, u x'inhuma r-ragunijiet li jwasslu ghal dan;

Illi filfatt, imkien fil-Ligi taghna ma hemm indikat li verdett tal-gurati ghandu jkun motivat; ghajr ghal artikolu 662 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddetta biss li decizjoni ta' *'kwistjoni ta' ligi'* biss li tirrikjedi *'ragunijiet li jkunu waslu l-Qorti ghal dik id-decizjoni';*

Illi tant kemm il-fatt li verdett tal-gurati jista' jwassal ghall-ksur ta' artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 (1) in konnessjoni tal-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, li diversi pajjizi Ewropej biddlu s-sistema u l-procedura tal-guri taghha, biex giet konformi mad-dritt tal-akkuzat u anke tal-parti leza li jkollhom smiegh xieraq tul il-kors tal-guri;

Illi filfatt, Spanja, ir-Russja, l-Awstrija, il-Belgjum, l-Irlanda, in-Norvegja u l-Isvizzera, adottaw listi ta' mistoqsijiet li permezz taghhom jaslu ghall-verdett, permezz tal-maggoranza, u dan sabiex jigi evitat il-fatt li l-gurati jaslu ghall-verdett minghajr motivazzjonijiet u ghal raguni esterni minn dawk imsemmija matul il-guri;

Illi f'Malta, meta l-gurati jintghazlu, u jibda l-guri, huma ma jkollhom l-ebda spjegazzjoni tal-principji legali li ikunu ser jissemmew matul il-guri, ghajr ghar-rekwizitorja mill-Avukat Generali, li bhala gurati ma humiex intizi fil-professjoni legali, u ghalhekk ma jkollhomx l-gharfien necessarju sabiex jisimghu, jiddeliberaw u finalment jiddeciedu bl-ahjar mod possibbli u imparzjali stante' li huma ma jkollhomx preparazzjoni ghal dan kollu.

Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi l-mod kif isiru l-listi tal-gurati ai termini tal-Artikolu 605 tal-Kodici Kriminali wkoll huwa leziv stante illi ma jirrisspjekkjawx l-elementi ta' *randomness* u *transparency* fundamentali f'dan il-kuntest. Illi jigi rilevat illi f'pajjizi barranin senjatament kemm fis-sistema Ingliza u kemm fis-sistema tal-Istati Uniti hemm sistemi adoperati

apposta sabiex jintghazlu gurati bl-iktar mod *random* u dan in vista tal-kuncett ta’ trasparenza. Illi l-esponent jirrileva illi l-gustizzja mhux biss trid issir izda, in omagg ghal principju tat-trasparenza, ghandha wkoll tidher li qieghda ssir u ghalhekk ghandha tezisti wkoll l-imparzjalita` oggettiva.

Illi fil-fatt, fl-Istati Uniti hemm *a jury commission* responsabbli sabiex isir dan il-process ta’ ghazla tal-gurati fejn il-gurati jintghazlu b’mod *random* minn listi ta’ votanti registrati. Illi fis-sistema Ingliza hemm *a central summoning bureau* responsabbli minn dan il-process ta’ ghazla tal-gurati fejn ismijiet huma wkoll maghzula b’mod *random* minn listi ta’ votanti registrati. Illi dan ifisser illi din it-trasparenza ezistenti fil-mod tal-ghazla f’sistemi barranin mhix adoperata fis-sistema Maltija u dan peress illi l-Ligi ma tistipula bl-ebda mod il-mekkanizmu tat-thehhija tal-listi u lanqas ma tassigura specifikament l-element ta’ randonmness.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi minhabba dawn il-fatt hawn fuq esposti gew lezi jew se jigu lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi;

Rat ir-**risposta tal-Avukat Generali u tal-Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali** pprezentata fl-24 ta’ Settembru, 2019 fejn jinghad kif gej:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li allegatament gie lez jew ser jigi lez id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tar-rikorrenti naxxenti minn: (a) sehem tal-parti leza fil-gurijiet; (b) nuqqas ta’ Qorti indipendenti u imparzjali; u (c) is-sistema tal-gurati.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, il-Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali mhuwiex il-legittimu kontradittur sabiex iwiegeb ghall-ilmenti kif impustati mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghandu ghalhekk jigi dikjarat bhala tali u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeccepixxu li r-rikorrenti m'ghandhomx l-interess guridiku u *locus standi* necessarju sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna. Certament ir-rikorrenti ma jikkwalifikawx u ma jistghux jitqiesu bhala "vittmi" ai termini tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Wara kollox, fil-guri la qeghdin jigu determinati jeddijiet jew obbligi civili tar-rikorrenti u wisq anqas qeghdin jigu decizi akkuzi kriminali li nhargu kontrihom.

3. Illi fil-mertu, in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li l-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' intralc ta' smigh xieraq, liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gust.

4. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mir-rwol tal-*parte civile* quddiem il-Qorti Kriminali,

l-esponenti jissottomettu illi dan jrid jigi ezaminat mill-ottika ta' x'*locus standi* ghandha *parte civile* li tallega ksur tad-dritt ta' smigh xieraq u fejn l-akkuzi kriminali jkunu diretti in konfront ta' terz. Ghandha *locus standi parte civile* li tiftah kawza kostituzzjonali dwar id-dritt ghal smiegh xieraq? Illi l-kwistjoni ta' jekk parti civili tistax tqajjem ilment ta' ksur ta' smigh xieraq, minhabba l-mod kif tmexxa process kriminali giet ezaminata diversi drabi kemm mill-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll minn dina l-Onorabbli Qorti. Illi kemm il-Qorti Ewropea u kemm dik nostrana stabbillew illi l-jedd ghal smigh xieraq jista' biss jigi mqanqal minn parti privata f'kuntest ta' proceduri kriminali mehuda kontra haddiehor, jekk dik il-parti civili turi li f'dawk il-proceduri kriminali hija ghandha jedd bil-ligi illi titlob li tigi mhallsa kumpens ghall-hsara li tkun garrbet bhala rizultat ta' xi ghemil kriminali mwettaq mill-akkuzat u kif ukoll li dawk il-proceduri kriminali huma determinanti biex hija tkun tista' tigbor dak il-kumpens. Illi wiehed ma jridx jinjora l-fatt li skont l-ordinament guridiku Malti azzjoni civili u dik kriminali huma distinti u separati li jfisser ukoll li sabiex parti f'kawza civili jkollha success ma tiddependix fuq l-ezitu tal-azzjoni kriminali u fejn fiz-zewg tipi ta' azzjonijiet l-oneru tal-prova huwa ferm differenti fejn wiehed jista' jkollu success f'kawza civili minkejja li fl-azzjoni kriminali ma jkollux minnhabba l-oneru ferm aktar rigoruz li huwa rikjest. Illi tenut kont tas-sistema partikolari applikabbli f'Malta u fuq l-iskorta tal-insenjament tad-decizjonijiet moghtija kemm minn dina l-Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Qorti Ewropeja, fil-fehma tal-esponenti, r-rikorrenti bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jistghu jinvokaw ksur tad-drittijiet taghhom ta' smigh ta' dritt xieraq meta huma lanqas ghandhom *locus standi* biex jaghmlu dan.

Illi r-rikorrenti jallegaw li quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali jahseb ghal rwol attiv ghall-parte civili fejn tista' tezamina u tikkontroezamina xhieda, iggib provi kif ukoll taghmel osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati, filwaqt li l-istess parti civili ghandha rwol limitat quddiem il-Qorti Kriminali f'guri cirkoskritt minn dak li jipprovdi l-Artikolu 490 (3) tal-Kodici Kriminali. L-esponenti jissottomettu li jekk wiehed jezamina l-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali

jirrizulta li dan l-artikolu procedurali penali jaqa' taht it-titolu li jirregolaw il-procedura li ghandha tigi adoperata u mharsa mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Illi skont l-istess ligi procedurali penali, persuna li in konfront taghha jigi prezentat Att ta' Akkuza li jwassal ghall-guri quddiem il-Qorti Kriminali, jigi prezentat biss wara li tkun inghalqet il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Illi skont l-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali stess, jirrizulta li l-parti civili jkollha partecipazzjoni attiva waqt il-gbir tal-provi in konfront tal-akkuzat li jfisser ukoll li l-Artikolu 490 (3) tal-Kodici Kriminali ma jistax jinqara b'mod izolat u dan stante li l-parti civili tkun digà bbenefikat minn partecipazzjoni attiva quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja abbazi tal-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali.

Illi fi kwalunkwe kaz, minkejja li fil-guri *per se* l-*parte civile* ghandha biss d-dritt ta' udjenza fil-kors tat-trattazzjoni tal-piena, il-prassi dejjem kienet li kemm-il darba l-*parte civile* ghandhom kull dritt li jsegwu l-proceduri u kemm-il darba jkunu jridu jaghmlu xi domandi fil-limiti ta' dak li taqbel mieghu l-Prosekuzzjoni jaghmluhom *tramite* l-Prosekuzzjoni. Illi wiehed ma jridx jinsa illi hija l-Prosekuzzjoni ghan-nom tal-Istat li tkun qieghda tmexxi l-prosekuzzjoni u dan peress li huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li persuna twiegeb ghall-eghmil taghha quddiem il-Qrati u fejn l-istess persuna tiddefendi ruhha mill-akkuzi migjuba kontra taghha. Illi ghalhekk il-partecipazzjoni tal-*parte civile*, li jahseb ghaliha l-Kodici Kriminali jzomm il-bilanc mehtieg bejn id-drittijiet kollha tal-persuni involuti.

5. Illi in kwantu r-rikorrenti jishqu ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti minn allegata nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità tal-Qorti minhabba fatti rapportati fil-medja u fi *blogs* u peress li l-Qorti tat decizjonijiet kompletament zbaljati f'certu kazijiet, l-esponenti jirribattu li l-kuncett ta' imparzjalità suggettiva u/jew oggettiva ta' gudikant ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' parti f'kawza; certament li tali opinjoni mhijiex deciziva izda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalità tkun gustifikata b'mod oggettiv. Dan ifisser li huwa necessarju li jkun hemm dubju legittimu dwar l-imparzjalità suggettiva u/jew oggettiva ta'

gudikant naxxenti minn fatti u dan peress li l-gudikant huwa dejjem prezunt li huwa imparzjali.

Illi meta persuna tigi mahtura bhala gudikant dik il-persuna hija prezunta li hija imparzjali u li bhala gudikant hija munita bil-garanziji kollha mehtiega sabiex tassigura s-smigh xieraq. Illi fir-rikors promotur imkien ma gie mfisser fejn u f'liema sura l-Imhallef li qieghda tippresjedi l-guri ma tissodisfax it-test ta' imparzjalità suggettiva u oggettiva.

Illi ghal dak li jirrigwarda sentenzi allegatament zbaljati moghtija minn dina l-Imhallef, l-esponenti jissottomettu li persuna ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont hija, il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali zbaljaw fis-sentenzi taghhom. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-qrati ordinarji iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima.

6. Illi in kwantu r-rikorrenti qeghdin jallegaw li hemm mankanzi fis-sistema tal-guri nostrana naxxenti mill-mod kif jigu maghzula l-gurati u mill-fatt li l-gurati ma jircievu ebda forma ta' tahrig qabel ma huma jibdew jisimghu il-guri, mill-fatt li fil-bidu ssir biss ir-rekwizitorja mill-Avukat Generali biss u mill-fatt li l-gurati ma jinghatawx mistoqsijiet precizi u diretti sabiex jimmotivawhom biex jaslu ghall-verdett taghhom, l-esponenti jissottomettu li l-fatt fih innifsu li s-sistema nostrana tipprovdi ghall-possibilità li persuna tigi ggudikata minn Imhallef li jippresjedi l-Qorti Kriminali flimkien ma' guri f'kawzi li jinvolvu reati ta' sejretà kbira, bhal fil-kaz odjern li jinvolvi r-reat ta' omicidju volontarju, bl-ebda mod ma jilledi d-dritt ta' smigh xieraq.

Illi fih innifsu l-guri huwa intiz sabiex jinvolvi c-cittadini nfushom fl-amministrazzjoni tal-gustizzja fejn ikun hemm involuti reati serji. Illi l-Qorti

Ewropea dejjem tenniet illi mhuwiex il-kompitu taghha li tiddetta lill-Istati Kontraenti liema sistema kriminali ghandhom jadottaw sabiex persuni li jwettqu reat iwiegbu ghall-eghmil doluz taghhom. Lanqas m'huwa l-kompitu tal-Qorti Ewropea li tarmonizza s-sistemi domestici. In fatti, l-ghazla tal-Istati Kontraenti ta' liema sistema jaghzlu li jadottaw inkluz jekk kawzi jsirux permezz ta' guri, n-numru ta' gurati, il-kwalifiki tal-gurati, il-mod kif jintaghzlu l-gurati u l-kwistjoni jekk gurati jkunux b'xi mod imharga tezorbita mis-supervizjoni tal-Qorti Ewropea. Illi dak li qeghdin jittentaw jaghmlu r-rikorrenti huwa li jharsu lejn sistemi ohra li jezistu barra minn xtutna u jargumentaw li galadarba s-sistema nostrana mhijiex identika ghalihom allura bhala konsegwenza s-sistema nostrana hija leziva tad-dritt ghal smigh xieraq. Certament li allegazzjoni ta' lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq ma tinbeniex fuq ezercizzju komparattiv.

Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti jaghmlu argumenti totalment akkademici sabiex jikkritikaw s-sistema tal-guri L-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 603 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) jaghmilha cara minn huma dawk il-persuni, cittadini ta' Malta u residenti hawn Malta, li jikkwalifikaw bhala gurati. Il-modalità tal-ghazla tal-gurati hija wkoll specifikata fl-Artikolu 605 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghall-kuntrarju ta' dak li jallegaw ir-rikorrenti, is-sistema nostrana jirrizulta mill-istess provedimenti legali. Anke l-mod kif jitnehha isem ta' gurat minn fuq il-lista huwa provdut fl-istess Artikolu 605 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti jallegaw li fil-bidu huwa biss l-ufficcjal mill-ufficcju tal-Avukat Generali li jindirizza l-gurati permezz tar-rekwizitorja u li skont ir-rikorrenti dan iwassal ghall-ksur tad-dritt ta' smigh xieraq. L-esponenti jissottomettu li l-process kriminali jaghti lill-Prosekuzzjoni, kif ukoll lid-Difiza l-istess opportunitajiet li jaghmlu l-introduzzjoni taghhom ghall-kaz qabel jibdew itellghu x-xhieda taghhom. S'intendi peress li l-Prosekuzzjoni tibda bil-provi hi l-ewwel, ikollha tintroduci l-kaz hi permezz tar-rekwizitorja fil-bidu, madankollu dan ma jnaqqas xejn lid-Difiza li taghmel l-istess meta l-Prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha.

Illi r-rikorrenti jallega wkoll li hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq peress li l-gurati ma jinghataw l-ebda tahrig jew mistoqsijiet precizi u diretti sabiex jaslu ghall-verdett taghhom. L-esponenti jissottomettu li l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi fil-Qorti Kriminali jaghmel indirizz li bih ifiehem il-punti legali li l-gurati ghandhom jikkunsidraw fid-deliberazzjonijiet taghhom meta jkunu qeghdin jixtarru l-fatti li jkunu gew prodotti quddiemhom. Illi fl-indirizz l-Imhallef jissimplifika dawk l-elementi li jikkostitwixxu r-reat sabiex il-gurati jkunu f'posizzjoni li jiehdu d-decizjoni taghhom. Illi certament li dan huwa meqjus bhala mekkanizmu li jissalvagwardja d-dritt ta' smigh xieraq tal-persuna akkuzata.

7. Illi jsegwi ghalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

9. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat il-provi li tressqu waqt il-procedura;

Rat id-digriet tal-4 ta' Settembru 2019 fejn bis-sahha tieghu ntlaqat it-talba ta' Etienne Bartolo sabiex jintervjeni f'dawn il-proceduri u qieghed ghalhekk jintervjeni *in statu et terminis*;[1]

Rat id-digriet moghti minnha fl-4 ta' Settembru 2019 fejn giet michuda t-talba ghal *interim measure*;[2]

Rat illi sar appell mill-imsemmi digriet, izda dan gie eventwalment cedut;

[1] Pagna 44 tal-process.
[2] Pagna 59 tal-process.

Rat illi waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2020 il-legali tar-rikorrenti irrinunzja u irtira t-tieni lanjanza ntitolata 'Qorti Indipendenti u Imparzjali', kif ukoll it-tielet lanjanza ntitolata 'Is-sistema tal-gurati', izda zamm ferm l-ewwel lanjanza ntitolata 'Is-sehem tal-parti leza fil-gurijiet';[3]

Rat illi r-rikorrenti inghataw zmien xahar li beda jiddikorri mis-6 ta' Frar sabiex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom izda dawn naqsu milli jresqu l-imsemmija nota;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat u tal-Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali ipprezentata fis-6 ta' Mejju 2020;[4]

Rat illi waqt is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2020, ir-rikorrenti nformaw lill-Qorti illi l-guri kontra Etienne Bartolo gie konkluz fl-14 ta' Marzu 2020;

Rat illi in segwietu ghal din l-informazzjoni l-avukat tal-intimati rrileva li bil-konkluzjoni tal-guri mertu tal-kawza odjerna, gie nieqes fir-rikorrenti l-interess guridiku rikjest fil-kawza odjerna u kien ghalhekk li talab jinghata l-fakolta li jipprezenta eccezzjoni ulterjuri fir-rigward;

Rat illi fil-15 t'Ottubru 2020, l-Avukat Generali u l-Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali ressqu **risposta ulterjuri** fejn giet mizjuda s-segwenti eccezzjoni:

1. Illi r-rikorrenti m'ghandhomx aktar fihom l-interess ġuridiku mehtieg biex huma jissoktaw b'din il-kawza, galadarba l-guri kontra Etienne Bartolo ntemm fl-14 ta' Marzu 2020, bil-kundanna ta' priġunerija ghall-perijodu ta' hames snin (ara Dok. AG1).

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti

---

[3] Pagna 90 tal-process.
[4] Pagna 119 tal-process.

Rat illi nonostante li r-rikorrenti inghataw l-opportunità jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet sal-14 ta' Novembru 2020 referibbli ghall-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-intimati fil-15 ta' Ottubru 2020, huma naqsu milli jaghmlu dan;

Rat illi fit-30 ta' Novembru 2020 l-intimati resqu nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri[5] referibbli ghall-eccezzjoni ulterjuri msemmija;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati;

Ikkunsidrat;

Fit-22 t'Awwissu 2019 ir-rikorrenti pprezentaw rikors quddiem il-Qorti Kriminali fl-atti tal-kawza Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Bartolo, Att t'Akkuzu Nru 4/2010 estratt ta' liema huwa kif gej:

"huma qatt ma gew formalment notifikati la bid-data tas-smiegh tal-eccezzjonijiet preliminari u wisq anqas bid-data tal-appuntament tal-guri"[6] u kien ghalhekk li talbu lil dik il-Qorti sabiex jigu kkonfermati bhala parte civili fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali. Minn dan ir-rikors ukoll jidher li kien gie pprezentat rikors bl-lanjanzi ta' natura kostituzzjonali fl-14 ta' Awwissu 2019 liema izda qatt ma gie a konjizzjoni ta' din il-Qorti. In ogni caso ghar-rikors tat-22 t'Awwissu l-Qorti Kriminali wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha hija ddegretat billi laqghet "ir-rikors tar-rikorrenti **limitatament** però fis-sens li l-istess parte civile **tkun tista' taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar il-piena mitluba mill-Avukat Generali** jekk ikun mehtieg."[7]

In segwietu ghal dan, il-familjari ta' Roderick Grech, intavolaw il-procedura odjerna fejn permezz taghha qeghdin jillamentaw li l-partecipazzjoni

[5] Pagna 142 et seq tal-process.
[6] Pagna 113 tal-process.
[7] Pagna 112 tal-process.

limitata ai termini tal-Artikolu 490 tal-Kodici Kriminali qieghda tilledi d-drittijiet fundamentali taghhom kif sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Ikkunsidrat;

Waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2020 xehdet **Dr. Maria Francesca Spiteri**, avukat mal-ufficcju tal-Avukat Generali. Dr. Spiteri spjegat li hija ma kinitx involuta waqt il-kompilazzjoni izda dahlet f'dan il-kaz wara li nhareg l-att tal-akkuza in preparazzjoni tal-guri. Tikkonferma li l-att tal-akkuza inhareg fit-2 t'April 2019. Ix-xhieda tkompli hekk:

> "**Dr. Victoria Buttigieg**: Bhala parte civili quddiem il-Qorti Kriminali, taf jekk gewx prezentati xi rikorsi da parti taghhom ghall-partecipazzjoni fl-istadju tal-guri?
>
> **Xhud**: Iva mela kien hemm diversi rikorsi pero dak illi jikkoncerna t-talba taghhom biex jippartecipaw waqt il-guri, kien sar rikors fit-22 ta' Awwissu 2019 fejn ghamlu talba lill-Qorti Kriminali biex jigu kkonfermati bhala parti civile u l-Qorit Kriminali …
>
> **Dr. Victoria Buttigieg**: Kien hemm digriet fuqu dan?
>
> **Xhud**: Iva l-Qorti Kriminali permezz ta' digriet datat 28 ta' Awwissu 2019, laqghet it-talba pero limitatament biss biex jaghmlu s-sottomissjonijiet dwar ilpiena. […] Jigifieri minhabba ragunijiet elenkati fid-digriet inkluz fosthom l-Artikolari li kkwotat l-Qorti Kriminali, huma ma jistghux jippartecipaw bhal ma jistghu jippartecipaw waqt il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti Struttorja u l-Qorti Kriminali ddekretat li l-partecipazzjoni taghhom biss tista' ssir permezz ta', billi huma jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena f'kaz ta' sejbien ta' htija u permezz ta' rikors. Issa dak ir-rikors huma ghamluh, dak li ghadni kif ghamilt referenza ghalih illum u laqghat it-talba pero

limitatament biss biex jaghmlu s-sottomissjonijiet dwar il-piena f'kaz ta' htija."[8]

In kontro-ezami Dr Spiteri ghal mistoqsija x'partecipazzjoni ghandu l-parte civili jew l-avukat tieghu x-xhud taghmel referenza ghal dak li intqal fid-digriet tal-Qorti Kriminali fejn inghad li l-partecipazzjoni tal-parte civili hija biss sabiex isiru sottomissjonijiet dwar il-piena.

Gie imressaq l-**Ispettur Kurt Zahra** bhala xhud tal-Avukat tal-Istat fejn spjega li meta sehh l-omicidju, fid-29 ta' Marzu 2017, huwa kien l-Ispettur tal-ghassa min-naha tal-omicidji. Kien gie informat li ghal habta tas-siegha u ghaxra ta' filghodu kien hemm persun bi griehi, x'aktarx kkawzati b'sikkina, u li kienet fil-periklu tal-mewt. Jghid li huwa mar fuq il-post u beda l-investigazzjoni tieghu, fejn irrizultalu li l-vittma kien certu Roderick Galea. Ikompli jghid li l-vittma ma tilifx hajtu fuq il-post izda xi granet wara huwa kien tilef hajtu u dan minhabba l-griehi li kien sofra. Mill-investigazzjoni li ghamel irrizultalu li l-aggressur kien certu Etienne Bartolo u meta kellu bizzejjed provi kontrih huwa akkuzah bil-qtil ta' Roderick Grech. Il-prezentata saret fil-31 ta' Marzu 2017 quddiem il-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras izda imbaghad giet appuntata quddiem il-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech ghall-11 t'Awwissu 2017 fejn hemmhekk inghatat il-prima facie. Ix-xhud jikkonferma li waqt li kienet ghaddejja l-kumpilazzjoni, kien ikun hemm prezenti l-legali li tirraprezentat l-parte ċivili, fejn ghal kull seduta kien ikun hemm preżenti Dr. Yanika Vidal u ġieli kien ikun hemm Dr. Angie Muscat, li jekk jiftakar tajjeb, kienu jkunu prezenti ghal kull seduta. Spjega li huwa kien jaghmel il-mistoqsijiet izda qabel ma kien jaghlaq kien jivverifika jekk il-parte civile jew "xi hadd ghandux iktar mistoqsijiet. Jekk kien hemm xi drabi ovvjament huma inghataw ic-cans kollu taghhom jekk kellhom xi mistoqsijiet x'jaghmlu li jsiru."[9] Jghid li l-ahhar seduta tal-kumpilazzjoni saret fit-18 ta' Frar 2019. In kontro-ezami huwa kjarifika li l-partecipazzjoni tal-parte civili li huwa

[8] Pagna 94 tal-process.
[9] Pagna 116 tal-process.

rrefera ghaliha waqt l-ezami kien ghal partecipazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fi stadju ta' kumpilazzjoni.

Ikkunsidrat;

**L-eccezzjoni ulterjuri – nuqqas ta' interess guridiku**

Fil-15 t'Ottubru 2020 l-intimati, wara li inghataw il-permess minn din il-Qorti, resqu eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi r-rikorrenti m'ghadx ghandhom aktar interess guridiku galadarba l-guri kontra Etienne Bartolo ntemm fl-14 ta' Marzu 2020. L-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri taghhom spjegaw li "r-rikorrenti bhala l-familjari ta' Roderick Grech huma kuntenti b'din is-sentenza. Minkejja dan però huma ghazlu li ma jcedux il-kawza. L-avukat taghhom Dr Amadeus Cachia, fisser bil-fomm waqt l-ahhar seduta mizmuma fl-14 ta'Ottubru 2020, li din ic-cessjoni ma saritx minhabba li r-rikorrenti ghandhom interess li l-ilment taghhom dwar l-irwol tal-parti civili f'guri kriminal jigi deciza ghall-ghanijiet ta' studju akkademiku."[10] Ir-rikorrenti naqsu milli jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet, lanqas nota sabiex jirribattu l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati sabiex jispjegaw b'mod car x'inhu l-interess guridiku li huma ghad ghandhom wara li spicca l-guri.

Din il-Qorti tqis li jkun ghaqli li qabel ma tghaddi sabiex tindaga l-mertu tal-azzjoni tghaddi l-ewwel sabiex tiddeciedi l-eccezzjoni ulterjuri.

L-eccezzjoni ta' karenza ta' interess guridiku hija wahda minn dawk l-eccezzjonijiet li tista' tigi sollevata f'kull stadju tal-proceduri, inkluz fi stadju t'appell, u dan in vista li ggib fi tmiemha l-azzjoni jekk din l-eccezzjoni tintlaqa. Tant li fil-kawza **Jamar Ltd vs. Domestica Ltd** (Cit Nru 914/2012 MCH) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 2013 gie ritenut li "Illum hu pacifiku illi l-eccezzjoni tal-interess guridiku u illegitimita tal-persuna huma eccezzjonijiet perentorji li joqtlu l-azzjoni fil-konfront ta' min tkun saret. Bhala tali huma sollevabbli f'kull

[10] Pagna 143 tal-process.

stadju tal-proceduri anki waqt il-kors ta' appell kif ukoll huma ta' portata tant serju fuq l-ezitu illi jistghu jigu sollevati ex officio mill-Qorti."

Ikkunsidrat;

Il-bazi legali sabiex wiehed iressaq azzjoni kostituzzjonali huwa l-**Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjonali** li jipprovdi fost ohrajn li "[...] kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, [...] tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju." Artikolu ekwivalenti ghal dan huwa l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem li taqra hekk: "*The Court may receive applications from any person, nongovernmental organisation or group of individuals claiming to be the victim of a violation by one of the High Contracting Parties of the rights set forth in the Convention or the Protocols thereto. The High Contracting Parties undertake not to hinder in any way the effective exercise of this right*." Ghaldaqstant filwaqt li l-Kostituzzjoni ta' Malta timplika li jehtieg li jkun hemm l-interess guridiku sabiex wiehed jipprocedi b'azzjoni ta' natura kostituzzjonali, il-Konvenzjoni tirreferri ghal vittma ta' vjolazzjoni (*victim status*). Dawn iz-zewg principji ser jigu analizati hawn taht.

Il-gurisprudenza nostrana fir-rigward tal-interess guridiku hija wahda kostanti u diversi kienu dawk is-sentenzi li rreferrew ghall-elementi li jehtieg jigu sodisfatti sabiex jigi stabbilit li l-parti li tipproponi l-azzjoni ghandha interess f'dak li qieghda titlob.

Fis-sentenza **John Muscat et vs. Rachelle Buttigieg et** (27 ta' Marzu 1990) il-Qorti Civili, Prim'Awla irrikonoxxiet li

> "L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi

taghha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief l-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."

L-elementi tal-interess guridiku komplew jigu elaborati fis-sentenza fl-ismijiet **Emilio Persiano vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalità tieghu bhala Ufficcjali Principali tal-Immigrazzjoni** (Rik Nru 1790/2000/2 JRM) moghtija fit-18 ta' Jannar 2001, il-Qorti Civili, Prim'Awla rriteniet li

"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-esistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara, per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza fl- ismijiet Falzon Sant Manduca vs Weale, maqtugha fid-**9 ta' Jannar, 1959**, Kollezz: Vol: **XLIII.i.1**];

Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jesisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-**13 ta' Marzu, 1992**, fil-kawza fl-ismijiet Francis Tonna vs Vincent Grixti, Kollez. Volum**: LXXVI.iii.592**]".

Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawza **Agatha Formosa Gauci vs. Dr Francis Lanfranco et** (App Civ 621/2001) il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) elenkat l-principji li jikkwalifikaw l-interess guridiku:

“(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.

(ii) l-istat attwali ta’ ksur ta’ jedd jikkonsisti f’kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;

iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta’ l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha;

iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta’ utilita’ u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;

v) l-interess guridiku jrid jibqa’ jissussisti tul il-hajja kollha ta’ l-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa’ fil-kawza;

vi) l-interess ta’ l-attur <u>ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha</u>. Ghalkemm il-mottiv ta’ l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;

vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista’ jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta’ accertament. <u>Madankollu</u>, f’kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista’ ssir aktar ’il quddiem;

viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, imma jista’ jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, <u>imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku</u>;

ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta’ l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-

> duttrina bhala wahda <u>acta ad aemulationem</u> – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg." (sottolinear tal-Qorti tal-Appell)[11]

Il-Qrati aditi minn proceduri kostituzzjonali wkoll kellhom l-opportunità jittrattaw il-kwistjoni ta' interess guridiku. Fost ohrajn wiehed isib d-decizjoni mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Eve sive Evette Agius et vs. l-Awtorità tal-Artijiet et** (Rik Kost 101/2013 LSO) tal-5 ta' Ottubru 2017 fejn gie kkunsidrat illi :

> "l-interess guridiku f'kawzi bhal dik odjerna jirrizulta lil kull persuna li tallega li xi dritt kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura **(art. 46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta)**.
>
> Huwa risaput ukoll li l-element tal-interess guridiku fil-kuntest ta' kawzi ghat-tfittxija ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem huwa marbut mal-kuncett ta' vittma. Dan il-kuncett f'termini konvenzjonali huwa meqjus li hu wiehed awtonomu, li jinghata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea (ECtHR) indipendentement mill-interpretazzjoni moghtija fil-ligi domestika.
>
> *'The essence of the rule is that the applicant claims to be directly affected in some way by the matter complained of even if the effect is only temporary'*. [Harris O'Boyle & Warbrick - op cit 3rd ed. p 84.]
>
> L-istess awturi huma tal-opinjoni li l-Qorti ta' Strasbourg ma tippermettix action popolaris '*nor may the Convention form the basis of a claim in abstracto that a particular law of even constitutional provision contravenes the Convention*'. Din hija wkoll il-posizzjoni fil-Kostituzzjoni taghna li ma tippermettix l-actio popolaris ghat-tfittxija ta' protezzoni minn lezjoni attwali jew probabbli ta' drittijiet fundamentali (vide ad es. il-kaz sucitat **Conrad Axisa et v Avukat Generali et)**.

[11] Ara wkoll **Nike Ventures Limited et vs. John Patrick Hayman et** (Cit Nru 378/2009 JZM).

Isegwi li meta l-interess guridiku jigi kkunstrastat jehtieg li jigi ppruvat bhala f'azzjoni dwar allegat vjolazzjoni ta' drittijiet u libertajiet fondamentali."

Referenza ssir ukoll ghas-sentenza aktar recenti deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Onor Simon Busuttil vs. L-Avukat Generali et** (Rik Kost 86/2017) deciza fid-29 ta' Ottubru 2018 fejn gie ri-affermat illi

"19. Dan ifisser illi min iressaq azzjoni dwar drittijiet fondamentali jrid juri li huwa dritt tiegħu li sejjer jinkiser, jew x'aktarx sejjer jinkiser, bl-għemil li dwaru jsir l-ilment. Fi kliem ieħor, irid juri interess ġuridiku jew – fl-lingwaġġ tal-ġurisprudenza dwar il-Konvenzjoni – li huwa "vittma", għax, kif wara kollox sewwa qalet l-ewwel qorti, din tallum ma hijiex *actio popularis*.

20. Fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali l-attur ma huwiex fost il-"persuni suspettati" u la ma hija sejra tingħata deċiżjoni dwar akkuża kriminali kontra l-attur u lanqas ma hija sejra tingħata deċiżjoni dwar drittijiet ċivili tiegħu. Il-posizzjoni legali tal-attur b'ebda mod ma hija sejra tinbidel, tkun xi tkun id-deċiżjoni li tagħti l-Qorti Kriminali fuq ir-rikorsi mressqa quddiemha taħt l-art. 546(4B) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk il-każijiet imsemmija fit-tweġiba tal-attur ma għandhomx relevanza għall-każ tallum billi f'dawk il-każijiet kollha l-"vittmi" kellhom drittijiet tagħhom milquta, jew li setgħu jintlaqtu, jew sabu l-posizzjoni legali tagħhom mhedda jew mibdula bil-liġijiet jew għemil impunjati.

21. Tassew illi l-liġi stess tagħti dritt lill-attur – bħala l-persuna li għamel ir-rapport – illi jiftaħ proċeduri taħt l-art. 546(4B) tal-Kodiċi Kriminali, li neċessarjament jimplika li għandu jkun parti f'dawk il-proċeduri meta, bħal fil-każ li dwaru saret il-kawża tallum, ikunu nbdew minn ħaddieħor, għax bħal ma għandu dritt jikkontesta d-deċiżjoni tal-maġistrat għandu wkoll id-dritt li jiddefendiha meta kontestata minn ħaddieħor.

22. Madankollu, il-fatt li l-attur għandu interess li jkun parti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali taħt l-art. 546(4B) tal-Kodiċi Kriminali ma jfissirx illi f'dawk il-proċeduri sejra tittieħed deċiżjoni fuq akkuża kriminali kontra l-attur jew li sejra tingħata deċiżjoni fuq id-drittijiet ċivili tiegħu, jew illi sejra ssir xi ħaġa li tista' 'l quddiem tolqot deċiżjoni bħal dawk; għalhekk ma hemmx il-kondizzjoniiet meħtieġa biex ikun leġittimat iressaq ilment dwar nuqqas ta' smigħ xieraq.

23. Fil-każ tallum l-interess tal-attur huwa l-interess ta' kull ċittadin li jara li l-liġi titħares, iżda, billi din ma hijiex *actio popularis*, dan ma huwiex biżżejjed biex jagħtih il-leġittimazzjoni biex jista' jmexxi bl-azzjoni tallum."

Dawn l-ahhar zewg sentenzi jorbtu tajjeb ma' dak li ghandu x'jinghad fir-rigward tal-*victim status* rikjesta taht il-Konvenzjoni. Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal ***Practical Guide on Admissibility Criteria*** (l-ahhar aggornat fl-20 t'April 2020) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mahrug mill-Kunsill ta' l-Ewropa:

*"16. The Court has consistently held that the Convention does not provide for the institution of an actio popularis and that its task is not normally to review the relevant law and practice in abstracto, but to determine whether the manner in which they were applied to or affected the applicant gave rise to a violation of the Convention (for example, Roman Zakharov v. Russia [GC], § 164)."*[12]

Ghaldaqstant skont il-Gwida Prattika succitata, biex wiehed ikun jista' jistitwixxi azzjoni dwar allegat ksur tal-artikoli tal-Konvenzjoni jrid ikun konformi ma' dak li jrid l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni cioe' persuna eligibbli li tista' titqies li ghandha d-dritt ghal protezzjoni moghtija u li tali persuna hu vittma ta' tali vjolazzjoni ta' dritt.

[12] https://www.echr.coe.int/documents/admissibility_guide_eng.pdf, l-ahhar access f'dan is-sit elettroniku sar fil-31 ta' Dicembru 2020.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain (Appl Nru 62543/00)** moghtija fis-28 t'April 2004) osservat li

"35. *[...] in order to rely on Article 34 of the Convention, two conditions must be met: an applicant must fall into one of the categories of petitioners mentioned in Article 34, and he or she must be able to make out a case that he or she is the victim of a violation of the Convention. According to the Court's established case–law, the concept of "victim" must be interpreted autonomously and irrespective of domestic concepts such as those concerning an interest or capacity to act. In addition, in order for an applicant to be able to claim to be a victim of a violation of the Convention, there must be a sufficiently direct link between the applicant and the harm which they consider they have sustained on account of the alleged violation (see, among other authorities, Tauira and Others v. France, no. 28204/95, Commission decision of 4 December 1995, Decisions and Reports (DR) 83-B, p. 112; Association des amis de Saint-Raphaël et de Fréjus and Others v. France, no. 38192/97, Commission decision of 1 July 1998, DR 94-B, p. 124; Comité des médecins à diplômes étrangers v. France and Others v. France (dec.), nos. 39527/98 and 39531/98, 30 March 1999)."*

F'kawza ohra tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Vallianatos and Others v. Greece** (Appl Nru 29381/09 u 32684/09) moghtija fis-7 ta' Novembru 2013 wara li re-affermat l-osservazzjoni sukwotata kompliet tispjega l*i:*

"47. *[...] The word "victim", in the context of Article 34 of the Convention, denotes the person or persons directly or indirectly affected by the alleged violation (see SARL du Parc d'Activités de Blotzheim v. France, no. 72377/01, § 20, 11 July 2006). Hence, Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would*

*have a valid and personal interest in seeing it brought to an end (see, mutatis mutandis, Defalque v. Belgium, no. 37330/02, § 46, 20 April 2006, and Tourkiki Enosi Xanthis and Others v. Greece, no. 26698/05, § 38, 27 March 2008).*"

Ikkunsidrat;

Ezaminata l-gurisprudenza in materia jehtieg jigi ezaminat jekk illum ir-rikorrenti ghandhomx interess guridiku dirett, personali u attwali. Ghall-finijiet tal-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt konvenzjonali jehtieg ukoll li r-rikorrenti juru li huma ghandhom *status* ta' vittma u li fadlilhom interess guridiku issa li l-guri kontra Etienne Bartolo intemm liema guri sab lill-akkuzat hati..

Diversi huma dawk is-sentenzi tal-Qrati nostrani fejn ghamluha b'mod mill-aktar car li r-responsabbiltà ta' din il-qorti hija li taccerta ruhha li l-lezjoni lmentata fid-dritt astratt tissarraf verament f'lezjoni konkreta u sabiex il-Qorti toffri rimedju ghar-rikorrent ghaliex altrimenti l-iskop tas-sentenza odjerna jintilef kompletament u l-istess ma tkun xejn ghajr ezercizzju akkademiku b'ebda forma ta' utilità prattika u tangibbli.[13] M'huwiex l-irwol tal-qrati sabiex jaghmlu konsiderazzjoni sempliciment ghall-skopijiet akkademici. Ghalkemm certi sentenzi jkunu jirrikjedu li jsir studju akkademiku, izda dak l-istudju jkun mehtieg sabiex il-Qorti tasal ghad-decizjoni ahharija taghha li fl-ahhar mill-ahhar ser ikollha effett tangibbli u ta' utilita' fil-konfront tal-partijiet.

[13] Ara **Stephen Nano Owusu vs. L-Avukat Generali** (Rik Kost 102/2014) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju 2016; **Mario Falzon vs. Direttur Generali (Dwana) et** (Ref Kost 37/2013 JRM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Ottubru 2014; **Charmaine Farrugia et vs. Il-Ministru ghall-Familja u Solidarjetà Socjali et** (Rik Kost 36/2013 TM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-8 t'Awwissu 2013**; Claudette Buttigieg vs. Kummissjoni Elettorali** (Rik Kost 526/2013/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2013; **Ivan Vella vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 39/2004/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-25 ta' Novembru 2011; **Prokuratur Legali George Scicluna vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 2/2002/1) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Ottubru 2010; **Anthony Zarb et vs. Il-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali et** (Rik Kost 729/1999) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fis-7 t'Awwissu 2013 fl-ismijiet **Conrad Axisa vs. Avukat General et** (App Kost 53/2011) fejn ingħad li:

> "15. Il-Qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-astratt u l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru, iżda f'kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala *actio popolaris,* persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata u l-Qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment tkun żviluppat. Minn dan kollu f'din il-kawża min għamel l-allegazzjoni anqas biss l-iċken prova ma ressaq u prattikament, ħlief għall-allegazzjoni fir-rikors promotur, ma għamel ebda sforz biex isostni l-allegazzjoni tiegħu."[14]

F'sentenza aktar ricenti din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza **Joseph Lebrun vs. Avukat Generali** (Rik Kost 40/2013 AF), moqrija fid-19 ta' Jannar 2015 gie enfasizzat li:

> "l-mansjonijet taghha f'dawn il-proceduri u, konsegwentement, kull provvediment li hija taghti fir-rigward, huma essenzjalment kostretti fil-parametri tat-talba maghmula mill-istess rikorrent. Il-Qorti tqis li ma tista' qatt tigi uzata bhala "sounding board" ghall-"jekk" u "meta" jew "eventwalità". Talba lill-Qorti ghal stharrig li jista' jkollha valur purament akkademiku ma tista' qatt titqies fil-mansjonijiet taghha skond il-ligijiet li minnhom temana l-kompetenza taghha fit-tharis tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Ma dan, wiehed jistrieh ukoll fuq l-insenjament ta' dawn il-Qrati dwar l-interess guridiku rikjest sabiex jigi radikat id-dritt ta' azzjoni (ara Magri et vs Market Intelligence Services Company Limited et u l-gurisprudenza fiha citata – ara wkoll Qorti tal-Appell Amato Gauci vs Zammit – 19 ta' Mejju 2004).

[14] Ara wkoll George Xuereb vs. Avukat Generali (Rik Kost 40/2017 JRM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Novembru 2007.

Din m'hijiex biss konsiderazzjoni maghmula mill-Qrati nostrana, izda jinsab ukoll enuncjat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fejn per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Fairfield and Others v. the United Kingdom** (Appl Nru 24790/04) moghtija fit-8 ta' Marzu 2005 gie rilevat illi:

> "*Article 34 requires that an individual applicant should claim to have been actually affected by the violation he alleges (see Ireland v. the United Kingdom, judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, pp. 90-91, §§ 239-40, and Klass and Others v. Germany, judgment of 6 September 1978, Series A no. 28, pp. 17-18, § 33); it does not institute for individuals a kind of actio popularis for the interpretation of the Convention or permit individuals to complain against a law simply because they feel that it contravenes the Convention (see Norris v. Ireland, judgment of 26 October 1988, Series A no. 142, pp. 15-16, § 31, and Sanles Sanles v. Spain (dec.), no. 48335/99, ECHR 2000-XI). The same applies to events or decisions which are alleged to infringe the Convention.*"

Ikkunsidrat;

Dak li r-rikorrenti qeghdin jillamentaw minnu f'din l-azzjoni huwa li d-dritt taghhom ghal smigh xieraq sancit taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ser jigi lez stante li huma m'ghandhomx rwol attiv u estensiv bhala parte civili waqt is-smigh tal-guri quddiem il-Qorti Kriminali li kien mixi kontra Etienne Bartolo. Fl-14 ta' Marzu 2020 Etienne Bartolo instab hati bil-kundanna ta' prigunerija ghal hames snin.

Inghad li "Huwa minnu li l-kuncett ta' vittma skond l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni, kif juru s-sentenzi citati mill-atturi, ghandu interpretazzjoni aktar usa' minn dak ta' interess guridiku kif applikat fid-dritt civili lokali, tenut kont li hawn qeghdin fil-kamp tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, pero` dan lanqas m'ghandu jigi interpretat b'mod tant wiesa' li jigu permessi kawzi fl-astratt, b'mod li jigi menomat il-principju li azzjoni tigi

istitwita ghall-beneficju ta’ min jaghmilha jew ta’ persuni qrib tieghu jew tal-eredi tieghu.”[15]

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi mal-gheluq tal-guri kontra Etienne Bartolo gie nieqes fir-rikorrenti l-interess guridiku mehtieg f'azzjoni dwar allegazzjoni ta' ksur ta' dritt kostituzzjoni kif ukoll gie nieqes l-istat ta' vittma fil-kuntest ta' allegazzjoni ta' ksur ta' dritt konvenzjonali. Nieqes l-interess guridiku fir-rikorrenti, kwalunkwe trattazzjoni ulterjuri tal-kawza fil-mertu jkun biss ezercizzju akkademiku li skond gurisprudenza kostanti fuq citata ma hux floku li jsir.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri tal-Avukat Generali u tal-Ministru ghall-Gustuzzja, Kultura u Gvern Lokali mressqa fil-15 t’Ottubru 2020 u tiddikjara illi mal-gheluq tal-guri fil-konfront tal-intervenut fil-kawza Etienne Bartolo, gie nieqes fir-rikorrenti l-interess guridiku u l-istatus ta' vittma kif fuq spjegat.

Ghaldaqstant tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tiddeciedi illi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

[15] **Marion Pace Axiaq et vs. L-Onor. Prim Ministru et** (Rik Kost 63/2019/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta’ Settembru 2019.

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**